MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 17/1997/1

Emanuel Attard
vs
Water Works Department u b'digriet tat-22 ta' Lulju 1997 gie sostitwit bil-kliem Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma bhala successur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' mid-29 ta' Marzu 1989 'il quddiem huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Fid-dati li gejjin ir-rikorrent applika ghal promozzjoni minn group C ghall-group D u ghal xi raguni jew ohra qatt ma nghata dawn il-promozzjonijiet.

Fid-29 ta' Marzu 1989 ref OPM 29/89
Fil-5 ta' Mejju 1992 ref OPM 37/92

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjonijiet li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma bhala successur tal-Water Works Department li eccepiet:

1. Illi l-Water Works Department gie sostitwit, fl-1992 bil-Korporazzjoni intimata, u ghalhekk jehtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju tar-rikors fis-sens illi minn flok il-kliem "Water Works Department" ghandu jidhol il-kliem “Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma bhala successur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma”;

2. Illi dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jisma' dan ir-rikors stante li r-ragunijiet moghtija mir-rikorrent ghall-ilment tieghu ma jinkwadrawx ruhhom f'xi wahda jew iktar minn dawk indikati fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-promozzjonijiet li ghalihom ghamel referenza r-rikorrent fir-rikors tieghu nghataw skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi fit-22 ta' Lulju 1997 wara li ntalbet il-korrezzjoni li hemm, l-ewwel u t-tieni eccezzjoni gew irtirati mill-korporazzjoni intimata, filwaqt li ghamlet ferm it-tielet eccezzjoni.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li hu kien dahal mal-Gvern fid-Dirghajn il-Maltin fl-1975 u hemmhekk spicca l-garage tal-Gvern bhala welder. In segwitu mar San Pawl il-Bahar bhala drainage worker u in segwitu ghal Sant'Antnin. F'Jannar 1981 beda mal-Water Works Department bhala labourer u kompla hemm sas-sena 1992. Matul dan iz-zmien kollu, kien moghti xoghol mal-Water Works Department bhala labourer, bhala titlu, izda fix-xoghol ghamluh baqqunier u aktar ma beda jghaddi z-zmien beda jaghmel ix-xoghol tas-sengha ta' plumber u water fitter.

Wara li harget ic-cirkolari OPM 29/89 kien applika biex jigi klassifikat minn Grupp C ghal Grupp D; jigifieri jsir bniedem tas-sengha. Ghamel l-ezami u ma ghaddiex ghal marka wahda biss. In segwitu harget OPM Circular 37/92, rega' applika biex minn Grupp C jitla' ghal Grupp D. Rega' ghamel l-ezami u qalulu li wehel ghal marka wahda biss. Sal-lum ghadu jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel, ta' plumber. L-ezamijiet dejjem kienu fuq bazi ta' interview. Huwa ma nghata ebda raguni ghala ma kienx ghadda. Hu kien irrisponda l-mistoqsijiet kollha li kienu sarulu.

In kontro ezami zied jghid li fil-fatt ghamel tliet interviews u fit-tliet okkazzjonijiet gab 49 marka minn 100 meta l-pass mark kienet ta' 50. Semma li kien Maurice Mizzi li lilu qallu li f`kull okkazzjoni wehel ghal marka wahda.

Richard Zammit li kien jahdem bhala foreman mal-Water Works xehed li r-rikorrent kien jahdem tahtu. Hu kien jahdem tajjeb u kien jaghmel kollox, anke dak li ma kienx jithallas tieghu. Hu kien jahdem bhala miner jew skilled labourer pero` kien jaghmel ukoll ix-xoghol ta` fitter u plumber u kien jaghmlu b`certu kapacita`.

Xehed Emanuel Borg li jahdem bhala Principal Foreman mal-Water Services Corporation li semma li jaf lir-rikorrent u ilu jafu ghal xi hames snin. Semma li r-rikorrent hu registrat bhala baqqunier pero` kien jaghmel ix-xoghol kollu li kienu jaghtuh, inkluz extensions ta` mainijiet u gieli tawh anke xoghol aktar elevat pero` ma jkunx wahdu.

Xehed Maurice Mizzi Manager Personnel mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li semma li b’referenza ghall-applikazzjoni OPM 29/89 ir-rikorrent kien applika ghal General Water Fitter. F’dak l-interview ir-rikorrent ma kienx ghadda. Fuq performance kien hemm 30 marka, kwalifiki 30 marka, experience 30 marka u personality 10 marki li b’kollox igibu mija u l-pass mark ta’ 50. Dawn skond kif hargu mill-Public Service Commission ghax il-bord kien kiteb lill-Public Service Commission u tah il-proposti ta’ l-allokazzjoni tal-marki.

Ir-rikorrent kien gab 13 minn 30 bhala kwalifiki, 10 minn 30 bhala experience, 20 minn 30 bhala performance u personality 6 minn 10, b’total ta’ 49 marka. Ghalhekk ma gabx il-pass mark ghal marka wahda. Min ghadda fil-fatt inhatar General Water Fitter.

Dwar l-applikazzjoni ta’ l-1992 u cioe` in segwitu tal-applikazzjoni 37/92 ma nstabx il-file. Il-Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma saret fl-20 ta’ Jannar 1992.

Xehed Richard Saliba Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li b’referenza ghac-cirkolari 29/89 li kienet miftuha ghal posts in the Industrial Groups B, C and D at the Water Works Department, semma li kien gie kostitwit bord in segwitu ta’ din l-applikazzjoni. Hu semma li kienu ghaddew erbgha u tletin persuna wara li kien sar interview ghax ma kienux saru ezamijiet bil-miktub jew

prattici. Dawn il-persuni kienu nominati mid-Dipartiment u kkonfermati mill-PSC. Ikkonferma li r-rikorrent gab 49 minn 100 marka u gie fil-35 post u gew appuntati 31.

Dwar l-applikazzjoni 37/92 dina kienet applikazzjoni ghall-post ta' Industrial Groups B, C u D at the Works Department. Seta' japplika ghaliha kullhadd, kull min kien impjegat mal-Gvern. Izda din il-call for application kienet giet imwaqqfa mill-PSC u anqas biss saru l-interviews.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

"Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero' l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha… Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra

r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

U ghalhekk it-Tribnual jiddikkjara li ma jsibx ebda ingustizzja dwar l-applikazzjoni in segwitu tac-cirkolari 37/92. Fl-applikazzjoni 29/89 jinghad illi gie ppruvat illi r-rikorrent kien bniedem habbrieki u dispost li jaghmel ix-xoghol kollu. In-nies li kienu jahdmu fuqu fahhru x-xoghol tieghu. Mill-interview li ghamel irrizulta li gab 49% u cioe' ma ghaddiex ghal marka. It-Tribunal josserva illi f'interview huwa prattikament impossibbli li wiehed jistabbilixxi illi persuna ggib 49% u mhux 50% ghax ebda interview ma jista' jkun daqshekk kategoriku u jistabbilixxi li persuna ggib 49% u mhux 50%.

Hawnhekk f'sens ta' gustizzja t-Tribunal ihoss li l-marka tar-rikorrent ghandha toghla ghal 51% bhal ta' dak li gie fil-31 posizzjoni kif jirrizulta a fol 38 tal-process. Izda xorta wahda t-Tribunal meta jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li r-rikorrent gie mfahhar hafna fuq ix-xoghol tieghu kif ukoll illi huwa impossibbli illi wiehed jasal biex jistabbilixxi dak il-1% fuq elementi daqshekk suggettivi bhal dak li jsir waqt interview, it-Tribunal ihoss li r-rikorrent kien jimmerita l-promozzjoni.

Jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat, Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma bhala successur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikkmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' General Water Fitter mid-data li fiha nhatru l-haddiema l-ohra u jitpogga fil-lista tas-seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak inhar kif ukoll li jithallas id-differnenza fil-paga li sofra. B' dan li jekk ir-rikorrent jibqa' ma jinghatax din il-kariga ghal xi raguni fi zmien sena ghandu jithallas bhala kumpens finanzjarju s-somma ta' tlett elef lira (Lm3000).

Spejjez kontra l-Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma.